TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DEClZJONI NRU 95

KAZ NRU. 122

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Joe Psaila
u
Messrs. Protowear Ltd
dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta

Data: 7 t'Awissu, 1981

Chairman: C. Rowe

B'ittra tat-8 ta' Frar, 1981, il-Ministru tax-Xoghol, Ghajnuna Socjali u Kultura, irriferit lil dan it-Tribunal taht id-disposizzjonijiet tal-Artiklu 28 (2) tal-Att Nru. XXX tal-1976, il-kwistjoni tax-xoghol bejn il-partijiet imsemmija. Dan il-kaz huwa dwar tkeccija li l-appellant jallega li kienet ingusta.

2. L-appellant kien assistit mis-Sur Lino Debono waqt li l-Kumpanija Messrs. Protowear Ltd fl-ewwel seduta kienet rapprezentata mis-Sur Charles Caruana, Direttur/Production Manager, u mit-tieni seduta kien assistit mis-Sur Albert Tabone.

3. Seduti u xhieda

Inzammu hames seduti biex instema l-kaz u biex instemghu wkoll dawn ix-xhieda:

L-appellant, is-Sur Joe Psaila
Is-Sinjura Gemma Vella, oht l-appellant

Is-Sur Laurence Cutajar ex-Supervisor mal-Protowear
Is-Sur Ray Cumbo, cutter mal-Protowear
Is-Sur Willie Ambrogio, u s-Sur Victor Ross ex-Diretturi tal-Protowear u s-Sur Charles Caruana, Direttur/Production Manager tal-Protowear.

/ .....

Is-Sur Laurence Cutajar xehed fi tliet seduti u s-Sinjuri Ambrogio, Ross u Cumbo xehdu darbtejn imhabba ragunijiet imsemmija 'l quddiem.

4. Statements of Case: Iz-zewg partijiet ressqu statements opposti ghax filwaqt li Psaila qal li gie mkecci, il-Kumpanija qalet li Psaila telaq minn jeddu fis-7 ta' Mejju, 1980.

5. It-Tribunal jixtieq jirrimarka li filwaqt li s-Sur Debono mexa mal-procedura u ressaq l-istatement of case fl-ewwel seduta, is-Sur Caruana naqas li jaghmel hekk u qal li ma giex mgharraf dwar dan.

Is-Segretarju tat-Tribunal, is-Sur E. Abela, qal li hu fit-takrika lis-Sur Caruana kien avzah li kellu jipprezenta statement of case fl-ewwel seduta.

Jista jkun li s-Sur Caruana ma kellux esperjenza tal-procedura tat-Tribunal Industrijali u ghaldaqshekk dan in-nuqqas gie skuzat u mitlub iressaq statement of case fis-seduta li jmiss.

Fil-fatt dan tressaq fis-seduta ta' wara - 12 ta' Gunju, 1981.

6. Dokumenti

Gew imressqa dawn id-dokumenti:-

| | |
|---|---|
| Statement of case tas-Sur Psaila | - Dok 1 |
| Twissija lis-Sur Psaila | - Dok 2 |
| Statement dwar is-Sur Psaila maghmul u ffirmat mis-Sur L. Cutajar | - Dok 3 |
| Ittra lis-Sur Psaila ffirmata ghad-Diretturi mis-Sur Ambrogio | - Dok 4 |
| Permess biex is-Sur Caruana jidher f'isem il-Kumpanija Protowear | - Dok 5 |
| Statement of Case ta' Messrs. Protowear Ltd. | - Dok 6 |

/ .....

| | |
|---|---|
| Kopja fotostatika ta' cheque moghti lis-Sur Psaila | - Dok 7 |
| Kopja fotostatika ta' cheque moghti lis-Sur Psaila | - Dok 8 |
| Kopja ta' Dokument 4 imma bil-firma tat-tliet Diretturi | - Dok 9 |
| Kopji tal-Produzzjoni ta' ngwanti minn Jannar, 1981 sad-9 ta' Mejju, 1981 | - Dok 10 |

Dokument 10 kien jaghti indikazzjoni li fihom il-fabbrika kienet tahdem jew wieqfa.

Xhieda fil-qosor

Is-Sur Psaila xehed bil-gurament, u qal li kien jahdem bhala cutter, jaqta l-forom tal-ingwanti bil-magna; l-ingwanti jinqatghu bil-pressa mill-glud.

Qal ukoll li qabel beda mal-Protowear kien jahdem go fabbrika ohra, u kellu esperjenza tal-magna; gieli hadem ta' supervisor, u kultant meta tigri xi hsara f'xi magna (cutter) kien isewwiha. Gie moghti zjieda wkoll wara li ghamel talba.

Fis-7 ta' Mejju f'xi d-9.30 a.m. spiccalhom il-gild li minnhu kienu jinqatghu l-ingwanti u s-Sur Caruana ta' ordni biex jaghmlu xi tindif u jaghtu z-zjut lill-magni. (Ara xhieda Page 20 seduta 5.6.81). Is-Sur Caruana qalilhom biex dak il-jum jibqghu hemm u li l-ghada u l-Gimgha jiehdu leave minn taghhom sakemm tasal il-gilda.

Is-Sur Psaila stqarr li f'xi hin, huwa tkellem mas-Sur Caruana; meta dan qalilhom biex jiehdu l-leave minn taghhom, u qallu "mela ahna nistghu nibqghu sejrin hekk?" Ahjar kieku tirrangalna biex imorru nirregistraw" Page 21 seduta 5.6.81.

"Wara nofs inhar ~~xis-~~saghtejn u nofs kont irrabjat u ghidt lil Joe li ser immur incempel u nibqa sejjer ghand is-Sur Ambrogio dirrettur iehor tal-fabbrika."

/ ....

Is-Sur Psaila qal li rega tenna l-istess kliem li kien qal lis-Sur Caruana mas-Sur Ambrogio u qallu wkoll biex jinforma lis-Sur Caruana, li hu Psaila mar ikellmu biex is-Sur Caruana ma jahsibx hazin.

Wara li kellem lis-Sur Ambrogio, Psaila qal li mar il-fabbrika u sabha maghluqa.

Il-Hadd 11 ta' Mejju, 1981, is-Sur Ambrogio mar ifittex lis-Sur Psaila d-dar. Sab lil ohtu li haditu fejn kien Psaila u s-Sur Ambrogio tah l-ittra tan-Notice u l-paga. (Dok. 4)

Psaila stqarr li s-Sur Ambrogio qallu "inti spiccajt". Psaila kien sorpriz - xhieda Page 26 - 5.6.81 u skanta bin-Notice, ghax hu kien bl-intenzjoni li kien bil-leave sakemm tasal il-gilda.

Psaila cahad li hu lil Ambrogio u lil Caruana kien qalilhom li hu bin-notice.

L-appellant qal ukoll li fit-12 ta' Mejju cempel lis-Sur Caruana u argumenta mieghu li hu ma kienx ta n-notice. Is-Sur Caruana baghtu ghand is-Sur Ambrogio - lil dan mar jarah u ha l-impressjoni li kollox kien all right. Wara mar il-fabbrika u Joe il-Foreman qallu biex ma jidholx ghax ghandu struzzjonijiet mill-Management biex ma jzommux fil-fabbrika - Page 30 5.6.81.

Hadd wara, fit-18.5.81 mar is-Sur Ross ifittex lill-appellant u tah zewg cheques. Dok 7 u 8 - wiehed tan-notice u iehor bonus.

L-appellant qal ukoll li mar jirraporta b'dak li gralu l-Labour Office.

Is-Sinjura Gemma Vella, oht l-appellant, xehdet li kien gie s-sinjur ta' huha u hi hasbet li kien gie biex javzah ghax-xoghol u hu qallha li huwa kien spicca u gie jaghtih xi flus u n-notice. Meta rat lil huha aktar tard, u staqsietu telaqx mix-xoghol dan wiegeb li ma telaqx. Xhieda Pages 37, 38 u 39 - 5.6.81.

/ .....

Laurence Cutajar, ex-Supervisor, Protowear, xehed bil-gurament u kkonferma li hu kien kiteb id-dokument 3. Qal x' gara f'dak il-jum u qal li ma kienx cert meta kiteb dan id-dokument, kien zgur li ma kitbux dak in-nhar stess, haseb li kien ghamlu l-ghada, il-Hamis, 8.5.80. Wara li gie mfakkar bid-data tad-dokument u dan l-istatement ghamlu ghax kien talabulu s-Sur Caruana.

Cutajar qal li barra minnu fil-post tax-xoghol, li kien zghir, kien hemm ukoll R. Cumbo u Martin Gatt li zgur semghu dak kollu li qal l-appellant. Xhieda Page 8 - 15 - 12.6.81.

Ray Cumbo, Cutter mal-Protowear, - Dan ix-xhud donnu li kien imbezza quddiem it-Tribunal, imma qal li sema l-appellant jghid li kien ser imur jaghti n-'notice', mar icempel lis-Sur Ambrogio. Xhieda Page 16 - 19 12.6.81.

William Ambrogio - Dan ix-xhud ex-Direttur tal-Protowear kien jahdem ukoll go fabbrika Hal-Far. Kien hu li hallas l-ewwel flus lil Psaila u tah il-karta tas-sensja. Dok. 4.

Ma kienx cert x'qallu l-appellant, imma kien cert li l-appellant kien gie jkellmu biex jirrangalu biex ikun jista jirregistra biex jiehu l-beneficcju tal-Labour Office, peress li kien irrezenja minn rajh allura ma setax jinkiteb fuq il-Lista.

Ix-xhud qal ukoll fix-xhieda tieghu, li l-appellant kien 'relaxed' hafna u li dam xi siegha jpacpac mieghu fuq l-ghawm etc.

Fuq mistoqsija tat-Tribunal jekk l-appellant qallux li rrezenja, ix-xhud qal li ma setax jahdem jew is-Sur Caruana ma tistax tahdem mieghu u affarijiet hekk.
Is-Sur Ambrogio spicca minn Direttur tal-Protowear fil-15.7.80.

Victor Ross - ex-Direttur tal-Protowear (Telaq fit-31.5.81) fuq il-kaz tal-appellant kien sema minghand siehbu d-direttur. Kien ukoll hu li ha l-flus tan-notice u l-bonus lill-appellant.

/ .....

u qal li tahom lilu personali u l-appellant accettahom u ma qallu xejn hlief grazzi.

Fis-seduta tal-Gimgha, 12 ta' Gunju is-Sur L. Debono ghall-appellant ma attendiex ghas-seduta tat-Tribunal ghax kellu mpenji ohra u kien cempel lis-Segretarju tat-Tribunal ghalbiex ittawwal iz-zmien tas-seduta ghal wara d-29 ta' Gunju. It-Tribunal ma laqax din it-talba ghax saret vicin il-Gimgha, 12 ta' Gunju, imma fi tmiem s-seduta aggorna ghat-3 ta' Lulju, 1981.

Kontro-ezami tax-xhieda - 3.7.81
L-appellant Joe Psaila bil-gurament, kontro-ezami mis-Sur A. Tabone.

L-appellant stqarr li hu dam ftit ma dara x-xoghol u li s-Sur Caruana kien jurih kif jahdem u kien kuntent fuq ix-xoghol u qatt ma pprotesta meta ma kienx hemm glud u kienu jintbaghtu d-dar bil-leave. Qal ukoll li meta jidhol il-gild gieli gew javzawhom id-dar biex jirritornaw ghax-xoghol. Qal li bhala hobby dilettant tal-underwater fishing. Cahad li qal li hu ser jaghti n-notice u qal li mar ghand is-Sur Ambrogio.

Hafna mix-xhieda kienet repetizzjoni tal-ewwel xhieda.

Laurence Cutajar - ex-Supervisor mal-Protowear - kontro-ezami mis-Sur Lino Debono qal li telaq minn mal-Protowear ghax ma hassx li kellu xoghol secure. Ikkonferma li l-istatement li kien ghamel dwar l-appellant Dok. 3 u kitbu hu stess wara li talbu biex jaghmlu s-Sur Caruana. Qal li jiftakar li l-appellant qabad il-barzakka, beda jghid xi diskors ta' rabja - il-kliem li ntqal ma jiftakarhomx. Imma hu qal lill-appellant biex ma jaghmilx l-affarijiet fis-sahna ghaliex jiddispjacih. Jiftakar li fil-fabbrika kulhadd kien irrabjat fuq din tal-waqfien u l-leave.

/ .....

Qal ukoll li l-appellant kien jghinu u kien hu li ghallmu x-xoghol (Page 25 - 3.7.81).

Lis-Sur Caruana baghtlu risposta ma' mechanic li kien jigi mill-fabbrika tal-'Jamil' biex jgharrfu li l-appellant, Psaila, qabad u telaq.

Ma jiftakarx li qallu li Psaila semma li ta n-'notice'. Qal ukoll li hu kien mar fil-fabbrika Hal-Qormi u hemm ghamlu l-istatement Dok. 3.

R. Cumbo - Cutter mal-Protowear - kontro-ezami mis-Sur L. Debono tenna xhieda li kien ta fis-seduta tat-12.6.81.

V. Ross kontro-ezami mis-Sur L. Debono.
Ix-xhud sar jaf bil-kaz tal-appellant minn shabu d-Diretturi u s-Sur Ambrogio qallu li Psaila talbu biex jaghmillu karta tar-redundant. Hu fehem li Psaila ried jigi mnizzel bhala redundant biex jkun jista jiehu l-beneficcju tal-qaghad. (Xhieda Page 40 u 41 - 3.7.81).

Is-Sur Ross qal li kien kellem lis-Supervisor, imma Cutajar (is-Supervisor) fix-xhieda tieghu qatt ma qal li kellem lis-Sur Ross dwar l-appellant.

W. Ambrogio - kontro-ezaminat mis-Sur L. Debono.
Wara li ghadda iz-zmien mhux cert f'hafna affarijiet imma cert li l-appellant gie jarah f'xi 2.00 p.m.; qallu hafna kliem kontra iz-Sur Caruana, imma ma riedx jiehu l-leave meta nghidulu ahna imma riedu fis-sajf.

Ix-xhud fuq dak li qallu l-appellant qallu "jien mhux wahdi, ghaliex jien minority kont, ghidtlu issa nkellem lil ohrajn u naraw il-kaz x'inhu ezatt. (Page 54 seduta 3.7.81).

/ .....

L-appellant lix-xhud ma semmilux <u>Notice</u>. Imma x-xhud kellu impressjoni li l-appellant ma riedx jahdem maghhom (mal-Protowear).

Ix-xhud qal li s-Sur Caruana accertah li "Laurence" ghamel statement - ghax ix-xhud insista li ikun hemm statement miktub.

<u>Laurence Cutajar</u> - ex-Supervisor, Protowear
Dan ix-xhud rega gie mitlub jerga jixhed ghax inqala dubbju waqt il-kontro-ezami tas-Sur Ambrogio, u biex jigi iccarat dan id-dubbju kellu jerga jixhed.

Is-Sur Cutajar ikkonferma li kiteb l-istatement dwar Psaila t-Tnejn, 12 ta' Mejju, 1981.

Tenna li kien baghat risposta lis-Sur Caruana li jahdem ma 'Jamil' ukoll, ma' mechanic li kien jigi l-Protowear, u jahdem mal-'Jamil' u qallu biex jghid lis-Sur Caruana li Psaila telaq minn fuq ix-xoghol.

<u>Is-Sur Caruana</u> - Direttur/Production Manager
Ix-xhud ta informazzjoni fuq il-fabbrika Protowear u qal li lil Psaila kien haddmu hu, u qal ukoll li ghamel xi zmien jahdem ma' ditta ohra fejn kien jahdem ukoll Psaila.

Ix-xhud barra li kien Direttur/Production Manager tal-Protowear kien ukoll impjegat bhala Production Manager mal-Jamil Clothing, fabbrika f'Bulebel ftit boghod mill-post fejn kien isir il-cutting tal-Protowear.

Is-Sur Ambrogio kien jiehu hsieb korrispondenza, banking u affarijiet ohra bhal administration, sales u purchasing.

Is-Sur Ross dahal meta zdied il-kapital bhala share-holder u kien igorr il-materjal minn Bulebel ghal Hal-Qormi, fejn Protowear kienu ihitu l-ingwanti. F'Bulebel kien hemm erba' haddiema, wiehed minnhom supervisor li xogholu kien li jghodd

/ .....

il-qtugh li jsir u jaghmlu mija, mija lest biex jigi trasportat Hal-Qormi.

Ta wkoll spjegazzjoni dwar kif twaqqfet u kif tahdem id-ditta Protowear, dwar Psaila u l-haddiema ohra f'Bulebel, dwar relazzjonijiet li kellu hu ma Psaila, li kienu tajbin hafna. Fuq l-incident tas-7 ta' Mejju ta' stampa cara ta' dak li gara u qal li l-appellant meta qallu biex jiehu l-leave beda joggezzjona u qallu li ried jiehu 3 gimghat leave fis-sajf. Ix-xhud qallu li ma kienx lest li jaghtih 3 'weeks' leave fis-sajf, pero jekk jkun jista, jaghtih (Page 25 10.7.81). Lix-xhud l-appellant ma qallux li ser jitlaq. L-ewwel ma qallu li Psaila telaq kien il-mechanic tal-Jamil. Dan jaqbel max-xhieda li kien ta L. Cutujar.

Ix-xhud f'page 26 10.7.81, fuq mistoqsija tat-Tribunal, jekk Psaila semmiex li ried jaghti n-notice, qal li l-appellant qallu "jien rrid 3 gimghat fis-sajf ghaliex infaqt hafna flus - dawn il-precizi kelmiet - biex naghmel course u xtrajt l-equipment, dak l-uniku delezzju li ghandi u ma rridtx".

Ix-xhud qallu li dan lilu ma jinteressahx.

Kompla li huma kienu jieqfu gimgha f'Awissu u gimgha f' Dicembru u l-impjegati jithallsu ta' dan il-waqfien anke jekk ma jkollhomx leave taghhom u barra minn hekk fl-ahhar tas-sena jaghmlu party lill-impjegati u johduhom jieklu.

Lill-appellant gie li tah xi petty leave meta dan kienlikollu xi hsara fil-karozza, dan gara bosta drabi anke forse meta kellu nies ohra nieqsin.

Dwar il-jum li fih hadu decizjoni dwar l-appellant ma kienx cert imma jahseb li kien il-Hadd.

/ .....

Punt importanti fix-xhieda tas-Sur Caruana jidher f'page 34 - 10.7.81 fejn hadu id-decizjoni li jghidu li l-appellant telaq.

Mistoqsi mit-Tribunal ghax ma hallewx lill-appellant jahdem iz-zmien tan-notice flok li hallsuh sakemm jiskadi z-zmien, ix-xhud qal li kellu ragunijiet personali forsi u wkoll ghax l-appellant kien ihobb iparla u gieli kien imur il-fabbrika ta' Hal-Qormi u bic-cajt u diskors tieghu kellu habta iwaqqaf lit-tfajliet mix-xoghol. Ma talbux statement miktub u ffirmat mill-appellant ghax hu kien mar dritt ikellem wiehed mid-diretturi u ghamel hekk fil-hin tax-xoghol.

Ix-xhud fil-kontro-ezami maghmul mis-Sur L. Debono ta spjegazzjoni dwar il-lista li pprezenta lit-Tribunal biex juri xi stoppages kien hemm fil-fabbrika minn Jannar sa' Mejju, 1981.

Is-snin ta' qabel kien hemm stoppages ohra imma x-xhud ma kienx jiftakar, biss il-fabbrika Protowear bdew fil-1978 u l-appellant beda fil-1979.

Ix-xhud ikkonferma wkoll li l-appellant lilu qatt ma qallu li ser jaghti n-notice u deherlu wkoll li l-appellant kellu jkellem lilu u mhux lis-Sur Ambrogio.

7. Osservazzjonijiet

It-Tribunal ma jaqbilx li dan kien kaz ta' persuna li telqet mill-impieg minn rajha u l-anqas jaqbel li persuna li fis-sahna tghid li ser taghti n-notice tigi pprivata mill-impieg b'manjiera hekk bierda.

L-appellant wara l-argument mas-Sur Caruana dwar il-leave sfurzat jidher mill-istatement miktub u ffirmat mis-Sur L. Cutajar li wara semma l-kelma notice, imma jidher car ukoll mix-xhieda tas-Sur Ambrogio li mieghu mar jitkellem l-appellant wara li qal id-diskors kien f'vena kalma u ddam

/ .....

madwar siegha jitkellem fuq hafna affarijiet li zgur ma kellhomx x'jaqsmu man-notice.

Id-diretturi ma qablux bejniethom u ma kienux certi mill-jum li fih iltaqghu biex jiddeciedu il-kaz ta' Psaila.

Is-Sur Caruana ma kienx cert meta kellem lil Cutajar dwar x'ghamel u x'qal Psaila u l-iktar haga li spikkat kienet li Cutajar kiteb l-istatement granet wara li gara l-incident u wara li d-Diretturi kienu ga hadu d-decizjoni li Psaila ma jibqax mad-ditta.

Fil-fatt, l-incident gara fis-7 ta' Mejju, 1980; is-Sur Ambrogio mar sab lil Psaila l-Hadd, 11 ta' Mejju u Cutajar kiteb u ffirma l-istatement fit-12 ta' Mejju. Id-Diretturi Caruana, Ambrogio u Ross skond ix-xhieda kellhom jiddecidu:

(1) jekk Psaila jigix moghti discharge bhala redundant; u

(2) jjekk jigix moghti discharge bix-xewqa tieghu - dawn ghazlu tal-ahhar.

Jidher stramb ukoll li filwaqt li huma ftehmu li biex ikunu covered ikollhom xi haga miktuba dwar Psaila, kif qal Ambrogio, ma hassux li din ghandha tkun taht forma ta' ittra miktuba minn Psaila u ffirmata minnu, imma kienu kuntenti bi statement miktub granet wara l-fatt mis-supervisor Cutajar.

Decizjoni hekk serja kienet timmerita notament fil-kotba tad-ditta imma dan ma sarx.

<u>Konkluzzjoni</u>

Fejn ma hemmx mezzi biex haddiema jistghu jiddefendu ruhhom quddiem il-management, dawn ghandhom ikunu aktar minn certi meta jaslu biex jillicenzjaw xi haddiem.

/ .....

Fil-fatt kulhadd ghandu jifhem u jhoss li l-impieg huwa sagru u t-tkeccija hija haga estrema u gravi. Dan intqal kemm il-darba mit-Tribunal u kull min ihaddem imissu jinteressa ruhu mis-sentenzi li nghataw meta jkollhom kazi quddiemhom qabel jaqtghu xi kaz ta' tkeccija.

Psaila ma kienx hieles mid-difetti fuq ix-xoghol u kien xi ftit fahhari wkoll skond ma qal is-Sur Caruana fix-xhieda tieghu (Page 25 - 10.7.81). Kien ikabbar ukoll ghax meta qalulu li ser jieqfu ghal jumejn beda jghid li xaba, jieqaf mix-xoghol kull erbat ijiem, fil-fatt gie ppruvat li bejn Jannar u April 1981, il-fabbrika kien hemm xoghol bla waqfien u l-fabbrika waqfet fit-8 u d-9 ta' Mejju mhabba nuqqas tal-glud.

Ghad li ntqal li l-appellant telaq minn rajh 'left of his own accord.' Jidher li d-difetti ta' Psaila kollha gew moghtija konsiderazzjoni.

Jidher ukoll li n-nuqqas ta' Psaila li jpoggi l-kaz tieghu quddiem is-Sur Caruana, flok quddiem is-Sur Ambrogio kien fattur iehor biex urta lis-Sur Caruana.

It-tluq ta' Psaila mill-post tax-xoghol dak inhar tal-incident, 7.5.80, u mar Hal-Far ikellem lis-Sur Ambrogio, qaleb sewwa il-keffa tal-mizien kontra Psaila, fil-laqgha jew laqghat tad-Diretturi.

Dan it-tluq m'ghandux ikollu l-gravita u l-ipiz li tawh id-Diretturi, ghax jara kollox hu ma ghamlux bil-mohbi.

L-appellant ukoll wera li ma kienx kuntent bid-decizjoni tal-Management, l-ewwel mas-Sur Ambrogio fil-11 ta' Mejju meta tawh il-paga u l-ittra u l-ghada, meta cempel lis-Sur Caruana, li deher urtat hafna li Psaila kien kellem lis-Sur Ambrogio u rega baghtu jkellmu la beda l-kaz mieghu.

/ .....

Mar ukoll fejn il-fabbrika imma ma hallewx jidhol. It-Tribunal cert li kieku l-appellant gie mitlub jiffirma ittra tat-tluq tieghu, dan ma kienx jaghmlu, u li gie moghti hin biex jidher quddiem id-Diretturi fuq it-talba li ghamel li jurih redundant u dawn kienu jghidulu li huma dan mhux ser jaghmluh, imma ser juruh li telaq minn rajh, ma kienx jaccetta ukoll.

Hlief warning wiehed moghti lil Psaila u shabu - Dok 2 - fit-20.1.80 ma kienx hemm u dan kien fuq rifjut ta' overtime.

Ghaldaqshekk it-Tribunal ma jaqbilx mal-mod kif l-Protowear Ltd helsu minn Psaila, u tkeccija ta' Psaila kienet ingusta.

Award

1. It-Tribunal jichad il-talba tal-kumpens.

2. Jordna li Joseph Psaila jerga jiehu l-impieg li kellu mad-ditta Protowear Ltd. mis-17 t'Awissu, 1981, imma jithallas mill-10 t'Awissu, 1981.

3. Ghall-fini tal-bonus tal-ahhar tas-sena, Psaila ghandu jiehdu shih (6 xhur).

4. Ghall-fini ta' Seniority, Psaila ghandu jgawdi din biss, jekk id-ditta jkollha taghmel redundancies.

C. ROWE
CHAIRMAN

E.F. ABELA
A/SEGRETARJU

7 t'Awissu, 1981